TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 106/19/F

**Agatha Grima u Paul Sammut**

**vs**

**Jonathan Camilleri**

Illum, 12 ta' Diċembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 t'Awwissu, 2019 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' elf u mitt Ewro (€1,100), rappreżentanti l-prezz ta' bibien u vanity li ma sarux.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attenda għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw bibien u vanity, u li ħallsu depożitu ta' elf u mitt Ewro (€1,100), u minkejja li kien hemm żmien fejn kellhom jiġu nstallati, imma kien ġie nstallat bieb wieħed li ħarġulu l-bżieżaq minħabba ż-żebgħa.

L-intimat issottometta illi d-dewmien kien tort tar-rikorrenti għax damu biex jagħżlu d-disinn, u ż-żebgħa tal-bibien u l-boċoċ taż-żebgħa huma minħabba li hija żebgħa tal-pinzell.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li kien hemm dewmien daparte ta' l-intimat minkejja li kien hemm ftehim meta kellhom jiġu installati u li lanqas il-vanity ma saret. Illi l-elf Ewro (€1,000) kienu depożitu għall-bibien, u mitt Ewro (€100) kienet tal-vanity.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat minkejja li ngħata żmien sabiex jagħmel risposta, ma ssottomettiex din ir-risposta bil-miktub. It-Tribunal jifhem li minħabba d-dewmien li ikkawża l-intimat u ma sarux il-bibien l-oħra, dan huwa t-tort ta' l-istess intimat, u kull ma twaħħal kien bieb wieħed biss u xorta kellu xi difetti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' seba' mitt Ewro (€700), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, u b'dan illi l-bieb jibqa' propjeta' tar-rikorrenti, u li ssir ir-rifużjoni.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**